Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 18/2015

**Alfred Borg (appellat)**

**Vs**

**Frank Borda Limited (appellanti)**

19 ta' Mejju, 2017.

1. Permezz ta' avviz ta' talba prezentat fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500) fejn l-istess attur kien spjega hekk fl-avviz tat-talba, *"Jien qed nitlob biex jirrangaw il-problema halli tibda tahdem kif suppost u kif ukoll kumpens ta' dak li tlift minn meta twahhlet fit-22 ta' Mejju 2012 sakemm tibda tahdem kif suppost."*

2. Il-konvenuta baqghet kontumaci.

3. **<u>Sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur.</u>**

   Fl-14 ta' Ottubru, 2015 it-Tribunal iddecieda:

   > *"Illi fir-rigward tar-rimedju ghall-problema hekk mitlub mir-rikorrent, it-Tribunal josserva li hekk skont ir-reklam ezebit u anness mat-talba tar-rikorrent, is-sistema in kwistjoni kellha tiggenera average 8 units per day, pero mill-provi rrizulta illi nonostante l-fatt li l-pannelli kienu tbiddlu mis-socjeta intimata fil-mori ta' din il-kawza, tali pannelli xorta wahda mhux qed jiggeneraw it-tmien (8) units kuljum. Illi ghalhekk, ir-rimedju moghti mis-socjeta intimata fil-mori tal-kawza m'huwiex adegwat, u dan ifisser illi xorta hemm lok li l-pannelli in kwistjoni jigu sostitwiti. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jordna lis-socjeta intimata tissostitwixxi l-pannelli in kwistjoni, f'terminu ta' xahrejn mil-lum, bi pannelli godda li jaghtu tmien (8) units kuljum, b'dana illi r-rikorrent jibqa' mpregudikat mid-drittijiet tieghu ghall-eventwali inadempiment. Bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta intimata.*
   >
   > *Illi t-Tribunal, wara li ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta qed jordna wkoll lis-socjeta ntimata thallas l-ammont ta' hames mitt Ewro (€500) lir-rikorrent bhala danni morali ghall-ansjeta u l-inkonvenjenza kkawzata lilu mill-istess socjeta intimata".*

   Is-socjeta konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

4. Illi l-kumpannija intimata hasset ruhha aggravata u b'hekk appellat minn din is-sentenza fejn l-aggravji huma:-

i. It-talba tal-attur teccedi l-kompetenza tat-Tribunal *ratione valoris* u dan stante li l-attur talab kemm li jithallas is-somma ta' €3,500 kif ukoll li s-sistema tigi rrangata u ghalhekk komplessivament dawn jammontaw ghal

izjed minn dak li wiehed jista' jitlob f'kawza pprezentata fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur.

ii. Fil-fatt li s-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur hija nulla ai termini tal-artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li hija *ultra petita*.

iii. Fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-Tribunal naqas milli jaghti smiegh xieraq lill-kumpannija intimata u mar kontra l-principju ta' *audi alteram partem* meta ddikjara li l-kumpannija intimata kienet kontumaci u ma nghatatx il-fakulta' li tressaq il-prova taghha u taghmel is-sottomissjonijiet opportuni skond il-ligi.

iv. Fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur kien iddekada mid-dritt ta' azzjoni kontra l-kumpannija intimata ai termini tal-artikolu 1407 u 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema terminu huwa wiehed ta' dekadenza u li ghalhekk ma jistax jigi interrott kif ukoll ai termini tal-artikolu 78 tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta; finalment kwalunkwe talba ghal danni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

v. Fil-fatt li, ghal rigward tas-somma ta' hames mitt Euro (€500) li l-kumpannija intimata giet ikkundannata thallas bhala danni morali ghall-ansjeta' u inkonvenjenza kkawzata lilu mill-istess kumpannija intimata, irrizulta ampjament mid-dokumenti pprezentati illi l-kumpannija intimata mhux talli ma kkawzat ebda ansjeta' u inkonvenjenza lill-attur, talli *ex gratia,* hija kkooperat pjenament u ghamlet minn kollox sabiex taqdi lill-attur u tikkuntentah bl-ahjar mod li setat.

vi. Fil-fatt li t-talba ta' l-attur ma gietx sodisfacentement ippruvata.

5. L-attur wiegeb li:

i. Illi t-talba tal-attur ma kinitx taqbez il-kompetenza tat-Tribunal ghaliex talab €3,500 bhala differenza ta' *units* li kien tilef miftiehem u li tigi rrangata s-sistema. Il-fatt illi s-sistema fotovoltajika kienet tiswa' €5,599 ma jfissirx li l-appellat ma kellux dritt jaghmel l-azzjoni fit-Tribunal tal-Konsumatur ghax hu ma kienx qed jitlob li tinbidel is-sistema imma li tigi rrangata u li jiehu kumpens tal-*units* li kien tilef liema ammont ma kienx jeccedi €3,500. Di piu', ghalkemm il-*units* jiswew €5,599 il-kumpannija intimata fil-fatt hallset €2,920 ghaliex fil-verita' id-differenza kienet thallset bhala *grant* li nghata minghand il-Gvern.

ii. It-Tribunal ma ddecidiex fuq ammont li ma kienx jaqa' fil-kompetenza tieghu. Il-pannelli wahedhom zgur illi ma jiswewx izjed mis-sistema shiha u fil-fatt it-Tribunal kien ordna lill-kumpannija intimata tbiddel dawn il-pannelli ghax kienet konvinta skond il-provi li kienet semghet li

dawn il-pannelli kienu difettuzi u l-kumpannija nghatat l-opportunita' li tirregola ruhha izda pprovat tqarraq billi uzat pannelli uzati.

iii. Illi l-kumpannija intimata kienet naqset milli tipprezenta risposta fiz-zmien moghti lilha mit-Tribunal u ghalhekk baqghet kontumaci. Inoltre fl-ebda hin ma talbet sabiex tiggusitifka l-kontumacja.

iv. Minkejja li t-Tribunal ta lill-appellant l-opportunita' li tirranga s-sistema halli tibda tahdem kif suppost, l-appellanti biddlet xi parti mis-sistema b'*parts* li kienu jidhru li ma kienux godda u s-sistema xorta baqghet ma tahdimx sew. B'hekk it-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu wara li sema' z-zewg partijiet u b'hekk wasal ghad-decizjoni finali ghax minkejja li l-kumpannija nghatat l-opportunita' tirrimedja s-sitwazzjoni u tbiddel xi *invertors,* dawn fil-fatt gew mibdulin b'*konverters* uzati u msaddin li juri bic-car illi l-kumpannija ma kellha ebda intenzjoni tasal ghal soluzzjoni.

v. L-appellanti qeghda tghid li l-attur ibbaza t-talba fuq il-fatt illi s-sistema mhux tal-kwalita' pattwita li ghandha dekadenza ta' sentejn minn meta l-oggett gie fil-pussess tieghu. Dan m'huwiex veritier ghaliex is-sistema twahhlet fit-22 ta' Mejju, 2012, u l-ewwel darba illi kien ilmenta mal-kumpannija intimata kienet meta rcieva l-ittra tal-21 ta' Frar, 2014. Kienet l-istess awtorita' tal-Malta Resources Authority li hegget lill-appellat sabiex jaghmel ilment mal-kumpannija. B'hekk ma kienux ghaddew is-sentejn kif qed tallega l-kumpannija appellant.

vi. It-Tribunal tal-Konsumatur ghandu dritt jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas danni morali.

vii. Meta l-attur xtara l-pannelli, kienet il-konvenuta stes li qaltlu li s-sistema tiggenera medja ta' 8 units kuljum.

6. **Fatti.**

i. L-attur xtara minghand is-socjeta konvenuta pannelli fotovoltajici, li kienu jigu reklamati li jipproducu medja ta' 8 units ghal kull gurnata.

ii. B'ittra datata 21 ta' Frar, 2014 il-Malta Resources Authority infurmat lill-attur li, *"(…) the registered output is considerably lower than that normally expected for a system similar to yours. May we remind you that it is the responsibility of the owner of the PV system to make sure that the electrical annual energy is maintained to expected levels for any one year over the first five years of operation. Please contact your retailer to rectify the situation"*.

iii. Fl-4 ta' Marzu, 2015 l-attur ipprezenta l-kawza u talab, *"biex jirrangaw il-problema halli tibda tahdem kif suppost u kif ukoll kumpens ta' dak li tlift minn meta twahhlet 22-5-12 sakemm tibda tahdem kif suppost"*. Fil-faccata ta' quddiem tal-avviz tat-talba ddikjara li l-ammont mitlub hu €3,500.

iv. It-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi appunta l-kawza ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' April, 2015.

v. Fis-6 ta' Marzu, 2015 il-konvenuta kienet notifikata bl-atti. Fl-14 ta' April, 2015 ipprezentat it-twegiba, pero' b'ittra tat-18 ta' Mejju, 2015 kienet infurmata li ma kienx thallas id-dritt tar-registru u ghalhekk kien kontumaci.

vi. Fis-seduta tal-15 ta' April, 2015 l-attur xehed li s-socjeta konvenuta kienet bidlitlu, *"(….) zewg inverters u zewg pannelli u rrangajna hafna affarijiet pero l-ammont tal-arretrati ta' units li ma hadtx ghadu ma thallasx. It-talba nfethet fuq arretrati. Effettivament sal-lum ghandi niehu E955.25"*. Skont il-verbal tas-seduta l-kawza giet differita, *"… sabiex is-socjeta intimata tirregola ruhha dwar l-ammont ta' kumpens li hija lesta li thallas lir-rikorrent"*.

vii. Fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2015 gie ddikjarat: *"Il-partijiet qed jaqblu u jiftehmu illi s-socjeta intimata ddikjarat illi ser tbiddel il-pannelli kollha in kwistjoni tar-rikorrent sal-ahhar ta' Mejju 2015"*.

viii. B'ittra li l-konvenuta baghtet lill-attur (24 ta' Awissu, 2015) stidnitu sabiex jirtira din il-kawza.

ix. Waqt is-seduta tad-9 ta' Settembru 2015, l-attur gharraf lit-Tribunal li l-pannelli kienu nbidlu izda xorta ma kinux qeghdin jipproducu medja ta' tmien (8) units kuljum. Spjega li *"qed jiehu 7, 7.32, 7.7, 7.9 ecc. Mill-pannelli in kwistjoni"*. Inoltre, r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta gharraf lit-Tribunal li, *"… kien hemm zball fl-imsemmi reklam fejn minflok 8 units per day kellu jaqra 7 units per day"*.

x. Permezz tas-sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2015 it-Tribunal ikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex:

(a) Fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, jibdel il-pannelli b'ohrajn li jaghtu tmien (8) units kuljum;
(b) thallas is-somma ta' hames mitt ewro (€500) bhala danni morali.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

7. L-ewwel aggravju hu li t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur m'ghandux kompetenza *ratione materiae* ghaliex l-attur talab li jithallas is-somma ta' €3,500 kif ukoll li s-sistema tigi rrangata. Il-qorti ma taqbilx. L-attur talab sabiex il-konvenuta tirrimedja, *"…. il-problema halli tibda tahdem kif suppost u kif ukoll kumpens ta' dak li tlift minn meta twahhlet 22-5-12 sakemm tibda tahdem kif suppost"*. Pero' fl-avviz tat-talba ghad-domanda *"Kemm ? Ghid kemm hu l-ammont mitlub mill-intimat"*, hemm dikjarat li s-somma hi ta'

€3,500. Regolament 3.4 tar-*Regolamenti dwar it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur* (Legislazzoni Sussidjarja 378.01) jipprovdi:

> *"Meta l-valur ta' talba jkun ta' iktar minn tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06), rikorrent jista jipprocedi bit-talba tieghu quddiem it-Tribunal* ***jekk huwa jiddikjara fl-Avviz tat-Talba tieghu li huwa jkun qieghed iwarrab dik il-parti mit-talba tieghu li tkun teccedi tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06)****"*.

Ghalkemm l-attur ma ffirmax id-dikjarazzjoni dwar *'twarrib ta' parti mit-talba'*, il-qorti tifhem li bil-fatt li ddikjara li qieghed jitlob is-somma ta' €3,500 kien car li warrab kull ammont in eccess. F'dan ir-rigward hu rilevanti wkoll dak li gie verbalizzat waqt is-seduta tal-15 ta' April, 2015, meta l-attur iddikjara li l-konvenuta kienet bidlitlu zewg *inverters* u zewg pannelli u:

> *"irrangajna hafna affarijiet pero l-ammont tal-arretrati ta' units li ma hadtx ghadu ma thallasx. It-talba infethet fuq arretrati. Effettivament sal-lum ghandi niehu €955.25. Jien tlabt il-massimu ta' €3,500 sabiex inkun kopert meta l-kaz finalment jinqata'"*.

Hu evidenti li l-attur m'huwiex jippretendi iktar mill-ammont li jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal (ara artikolu 20 tal-Kap. 378). Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju hu michud.

8. It-tieni aggravju tal-konvenuta hu li s-sentenza hi nulla ghaliex it-Tribunal ordna lill-konvenuta sabiex tibdel il-pannelli fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza, b'pannelli godda li jaghtu tmien (8) units kuljum. Skont il-konvenuta dan wassal sabiex is-sentenza hi *ultra petita* ghaliex kien jaf li l-valur tal-pannelli kien ta' €3,844, li jaqbez il-kompetenza tat-Tribunal li hi ta' €3,500. Il-konvenuta qalet:

> *"Jekk wiehed ihares lejn id-dokumenti pprezentati fl-atti tal-kawza jirrizulta illi l-pannelli wahedhom ghandhom il-valur ta' €3,884 kif jirrizulta minn pagna 4 ta' Dok. FB1, dan apparti ghall-fatt illi jista' jaghti l-kaz li jekk jinbidlu l-pannelli ikollu jinbidel l-inverter"*.

Pero' d-dokument FB1 gie ddikjarat mhux ammissibbli bhala prova. Ghalhekk qiesu qatt ma gie pprezentat, li jfisser li ma kienx hemm il-prova li l-konvenuta qalet li hemm.

9. Il-konvenuta tilmenta li ma nghatax smiegh xieraq u t-Tribunal mar kontra l-principju ta' *audi alteram partem*. Fis-sentenza jinghad hekk:

> *"It-Tribunal jikkunsidra wkoll illi s-socjeta ntimata ma kinitx ipprezentat risposta bil-miktub u ghalhekk baqghet kontumaci. Illi ghalhekk, it-Tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni ta' dak li ssottometta Frank Borda, bhala rapprezentant tas-socjeta intimata, meta attenda ghall-udjenza tad-9 ta' Settembru, 2015, billi tali*

*sottomissjonijiet huma ta' natura fattwali u li kieku kellhom jigu ammessi, it-Tribunal ikun qed jammetti provi minn intimat kontumaci – haga li ma jistax jaghmel".*

Mill-atti jirrizulta li fis-6 ta' Marzu, 2015 il-konvenuta kienet notifikata bl-atti. Ghalhekk kellha tipprezenta twegiba fi zmien tmintax-il jum minn dakinhar (regolament 4.1 tar-*Regolamenti dwar it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur*, Legislazzoni Sussidjarja 378.01). Fil-fatt jirrizulta li t-twegiba kienet prezentata fl-14 ta' April, 2015, cjoe' meta kienu diga' skadew tmintax-il jum minn dakinhar tan-notifika. Mela l-konvenuta ma kellhiex jedd tippretendi li t-Tribunal jikkunsidra dak li jinghad fit-twegiba jew li jhalliha tressaq xhieda. Hu minnu li l-attur ma ghamilx uzu mill-procedura ghall-hrug ta' ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat (regolament 6), madankollu dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-konvenuta ma wegbitx fit-terminu kontemplat mil-ligi.

Il-konvenuta ssostni li t-Tribunal iddecieda li, *"s-socjeta intimata kellha tigi dikjarata kontumaci u ma nghatatx id-dritt ghal smiegh xieraq tant hu hekk li la ressqet il-provi li xtaqet tressaq u lanqas ma nghatat il-fakulta li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet"*. Pero' ma jirrizultax li l-konvenuta qatt talbet sabiex tiggustifika ruhha ghalfejn ma pprezentatx it-twegiba fiz-zmien stipulat mil-ligi u wisq inqas ma talbet permess sabiex tithallas tressaq il-provi. Madankollu, fis-seduta tad-9 ta' Settembru, 2015 gie verbalizzat:

> *"Is-socjeta ntimata **bil-permess tat-Tribunal** ezebiet dokumentazzjoni Dok. FB1 relatati mal-pannelli tar-rikorrenti li juru li d-daily average units generated ghandhom ikunu 7.72. Is-socjeta ntimata kkjarfikat illi kien sar zball fejn 7.72 kellu jaqra 7.02, u li ghalhekk il-pannelli tar-rikorrenti qed jiggeneraw il-units hekk kif suppost.*
>
> *Is-socjeta ntimata ziedet tghid ukoll illi fuq l-istess Dok. AB1 u fuq Dok. FB1, hemm ukoll l-output ta' dawn il-pannelli ta' 245 watts each li ghandhom average output of 7.02 per day over a period of 1 year".*

Hu hawn fejn il-qorti ma taqbel xejn mal-mod kif ipproceda t-Tribunal. Il-konvenuta ma kellhiex tigi sorpriza b'sentenza li fiha t-Tribunal iddikjara li minhabba li l-konvenuta kienet kontumaci, ma kienx ser iqies dak li ddikjara r-rapprezentant taghha waqt is-seduta tad-9 ta' Settembru, 2015 u d-dokumenti li pprezentat. Dokumenti li wara kollox gew prezentati bil-permess tat-Tribunal, u fl-ebda hin ma kien hemm xi intervent tal-attur sabiex id-dokumenti jigu sfilzati ghar-raguni li s-socjeta konvenuta kienet kontumaci. Fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex il-mod kif parti f'kawza tinghata smiegh xieraq.

10. Fic-cirkostanzi l-qorti ser tirrevoka s-sentenza u fl-istess waqt tiddeciedi l-kawza kif jezigi l-artikolu 22(4) tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Ghal dak li jikkoncerna r-raba' aggravju, l-attrici ssostni li l-azzjoni hi perenta b'applikazzjoni tal-artikoli 1407 u 1431 tal-Kodici Civili u l-artikolu 78 tal-Kap. 378. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

i. Il-kawza li ppropona l-attur m'hijiex bazata fuq id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili imma fuq dak li jiddisponi l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumaturi (Kap. 378).
ii. Fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2015 is-socjeta konvenuta, *"iddikjarat illi ser tbiddel il-pannelli kollha in kwistjoni tar-rikorrent sal-ahhar ta' Mejju, 2015"*. Din fiha nnifisha hi **obbligazzjoni** u l-konvenuta m'ghandhiex jedd li tahrab minnha billi tinvoka l-imsemmija disposizzjonijiet. Meta l-konvenuta accettat li tibdel il-pannelli, implicitament kienet qeghda tirrikonoxxi r-responsabbilta li tirrimedja ghall-ilment tal-attur. Agir li zgur li m'huwiex kompatibbli ma' dak li jipprovdi l-artikolu 78 tal-Kap. 378. Ma jidher li m'hemm xejn li jzomm lill-konvenut li jirrinunzja ghall-perjodu tas-sentejn ukoll bl-agir tieghu.
iii. Ir-riferenza ghall-artikolu 2153 tal-Kodici Civili hi ghal kollox barra minn lokha gialadarba l-kawza m'hijiex bazata fuq *culpa aquiliana*.

12. Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, il-qorti tirrileva li:

i. L-ittra tal-Malta Resources Authority tal-21 ta' Frar, 2014 hi fiha nnifisha prova li l-pannelli li l-attur xtara minghand il-konvenuta ma kinux qeghdin jipproducu ammont ta' elettriku kif imwieghed lill-attur.
ii. Il-konvenuta kienet l-ewwel bidlet zewg inverters u zewg pannelli. Fil-mori tal-kawza bidlet il-pannelli kollha. Skont it-taghrif li l-attur ta waqt is-seduta tad-9 ta' Settembru, 2015, kien qed jiehu 7, 7.32, 7.7, 7.9 units kuljum.
iii. Mid-dokumenti li hemm fl-atti jidher li meta l-attur gie biex jixtri l-pannelli kien infurmat li l-pannelli jiggeneraw medja ta' 7.72 kuljum (ara Dok. FB1). Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qal li l-pannelli suppost jiggeneraw 2,816.89 kWh. Dan hu output ghal **kull sena (ara Dok. FB1)** li jfisser medja ta' 7.72 units kuljum. Ghalhekk m'huwiex korrett l-attur meta jibqa' jsostni li l-output kellu jkun ta' 8 units. Hu veru li fir-reklam pubblikat fil-gazzetti jinghad li l-elettriku generat hu medja ta' 8 units kuljum, pero' meta l-attur xtara l-pannelli kien infurmat li l-medja hi ta' 7.72 units kuljum. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet qal li sal-lum ghadu m'huwiex jigi generat ammont ta' elettriku kif miftiehem, dak li ddikjara waqt is-seduta tad-9 ta' Settembru, 2015 jaghti lill-qorti x'tifhem mod iehor.
iv. Fl-avviz l-attur talab ukoll li jithallas kumpens ghall-output li qal li tilef peress li l-pannelli ma kinux qeghdin jipproducu l-ammont ta' elettriku mwieghed. Talba li fi kliem semplici tissarraf f'wahda ghad-danni minhabba telf ta' qliegh. Pero' r-rimedji li taghti l-ligi fi proceduri li jsiru

taht il-Kap. 378, kif inhuma dawn, huma dawk kontemplati fl-artikolu 74(2). Id-danni ma jissemmewx bhala wiehed mir-rimedji ghad-disposizzjoni tal-konsumatur.

**Ghal dawn ir-ragunijiet:-**

1. **Tichad l-ewwel u tieni aggravju.**
2. **Tichad ir-raba' aggravju.**
3. **Tilqa' t-tielet aggravju u thassar id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur tal-14 ta' Ottubru, 2015.**
4. **Ghal dak li jirrigwarda l-meritu:-**

   i. **Tiddikjara li r-rimedju li talab l-attur inghata fil-mori tal-kawza. Ghalhekk din il-materja hi ezawrita.**
   ii. **Tichad it-talba tal-attur ghall-hlas ta' kumpens sabiex jaghmel tajjeb ghall-*output* ta' elettriku li qal li tilef.**

**Spejjez taz-zewg istanzi huma kollha a karigu tal-konvenuta ghaliex kien minhabba nuqqas taghha li saru dawn il-proceduri.**

Anthony Ellul.